MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru 274/2014

**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**KAREN GRECH**

**MARIA LOURDES GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Karen Grech ta’ 30 sena, bint Nazzarenu u Maria Lourdes nee’ Camilleri, mwielda Pieta’ fid- 29 ta’ April 1984, residenti 46, The Alley, Triq il- Palazz tal- Isqof, Birgu u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 220584M;

u

Maria Lourdes Grech ta’ 54 sena, bint Publio Camilleri u Carmen nee’ Bonello, mwielda fl- 4 ta’ Jannar 1960 Floriana, residenti 38, Carmen, Triq l- Arznell, San Pawl il- Bahar u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 66960M;

Talli waqt ix- xahar ta’ Dicembru 2013 f’ diversi hinijiet gewwa dawn il- Gzejjer;

1) Approprjaw ruhhom billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor cioe’ ta’ Joseph Attard li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-r radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
2) Aktar talli bi hsara ta’ haddiehor cioe’ ta’ Joseph Attard ghamlu qliegh iehor b’ qerq mhux imsemmi band ohra;
3) Aktar talli uzaw vjolenza sabiex gieghelu lil xi hadd cioe lil Joseph Attard u lil Michael Attard jaghmlu, ihallu jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga;
4) Aktar talli bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l- ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghelu bl- awtorita’ taghhom infushom, fixklu lil Joseph Attard u lil Micahel

> Attard fil- pussess ta’ hwejjighom, jew b’ xi mod iehor kontra l- ligi ndahlu fi hwejjighom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-imputati kienu gia’ rritornaw l-oggett mertu ta’ din il-kawza lil Joseph Attard u lil Michael Attard qabel ma kienu nbdew dawn il-proceduri;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-vertenza ta' bejn il-partijiet kienet wahda *de minimis* u kienet gia' risolta bejniethom, u l-partijiet ma kellhom ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' xulxin;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 293, 309, 251 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------